MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 146/2013

**Bank of Valletta plc
(C 2833)**

**vs**

**Joanne Vella
(Passaport Nru PP 2006680)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-16 ta’ Mejju 2013 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasaha s-somma ta’ ghaxart elef, erbgha mija u sebgha Euro u sitt centezmi (€10,407.06) rapprezentanti bilanc ghad-debitu ta’ Loan u Credit Card mas-socjeta attrici kif ahjar deskritti fl-avviz.

Bl-ispejjez tal-presenti kif ukoll l-ittra ufficjali tat-8 ta' Novembru 2011 u il-Mandat ta' sekwestru ippresentat kontetwalment u bl-imghax ulterjuri mit 13 ta' April 2013 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimata li hija ingunta in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew imwahhla fl-ghassa tal-pulizija ta' Birkirkara, w il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u fil post tal-konvenut gewwa Birkirkara, fit 23 ta' Ottubru 2013, u dan skond ir-riferti posittivi tal-Marixxal Eugenio Mallia datati 24 ta' Ottubru 2013 (fol 40 tergo).

Rat illi il-konvenuta giet ukoll notifikat b'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar id-29 ta' Ottubru 2013 (fol. 41) u f'zewgt gazzetti lokali Orizzont fis 6 ta' Novembru 2013 (fol 44) u The Malta Independent fis 6 ta' Novembru 2013 (fol 45).

Illi fis-seduta tal-15 ta' Novembru, 2013 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuta (fol 48).

Rat illi fis-seduti tat-18 ta' Novembru 2013 il-konvenuta giet imsejjaha izda ma deheritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-s-somma ta' ghaxart elef, erbgha mija u sebgha Euro u sitt centezmi (€10,407.06), kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-ispejjez tal-presenti u imghax kif mitluba sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------